Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Numru 18/1994

**Il-Pulizija**

**vs**

**Raymond Mifsud, Nazzareno Mifsud, Tarcisio Mifsud u Ernest Mifsud**

**Illum 25 ta' Frar 2009**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Raymond Mifsud, Nazzareno Mifsud, Ernest Mifsud u Tarcisio Mifsud, lokoll ulied John u Rita nee Sultana, kif jidhru fl-ewwel fol tal-process, u cioe:

Talli fil-11 ta’ Jannar 1988 ghas-7.15 pm waqt li kontu f’Giants Street, Xaghra, Gahwdex, volontarjament ksirtu l-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u bi glied u barra minn hekk (2) sawwattu lil Joseph Buttigieg, Maria Carmela Buttigieg, lil Maria Buttigieg u lil Noel Buttigieg, lkoll mix-Xaghra, Ghawdex u kkagunajtu griehi fuq il-persuna tal l-imsemmijin Joseph Buttigieg, Maria Camrelo Buttigieg, Maria Buttigieg u Noel Buttigieg skond kif jiccertifika t-Tabib Dr. Mario Saliba Sr. John Xuereb Dingli M.D. tal-Isptar Craig, Rabat, Ghawdex u aktar ghamilt hsara f’nuccali tal-vista ghad-dannu ta’ Raymond Mifsud mix-Xaghra, Ghawdex u barra minn hekk ghamiltu hsara f’nuccali tal-vista ghad-dannu ta’ Maria Carmela Buttigieg u aktar insuentajtu u heddittu bi kliem lil perusni hawn fuq imsemmijin;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex minbarra l-piena stabilita, torbot lill-Raymond Mifsud, Nazzareno Mifsud, Ernest Mifsud u lil Tarcisio Mifsud taht l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali Kap 9.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tas-26 t’Ottubru, 1995 sabiex l-imputat ikunu iggudikati minn din il-Qorti fil-konfront tal-artikoli 214 sa 218, 325, 338(dd) u 339(e) tal-Kap 9, kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputati sabiex il-kaz kontra taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza kienet inizzjata fuq talba tal-kwerelanti li huma imputati f’kawza separata kontra taghhom wara allegata glieda bejnithom. Jirrizulta mill atti illi l-familja Mifsud u l-famijla Buttigieg kienu ilhom mqabbdin ma xulxin ghal diversi snin tant li dan il-glied sar part mill-patrimonju taz-zewg familji trasferibbli minn generazzjoni ghall-ohra;

Minn ezami tal-provi huwa manifest kif anqas ma huwa decifrabbli dak li ta lok ghal din il-allegata glieda ghaliex

jidher li dan kien il-kumulu ta' diversi snin ta' argumenti, botti u risposti u dak kollu li jista' jirrendi hajja infelici meta si tratta ta' girien miggildin. Fix-xhieda kontra xulxin, il-partijiet hargu b'diversi verzjonijiet konflingenti tant li anke il-feriti subiti kienu kontestati b'mod li z-zewg partijiet jikkontendu li jew kienu sofferti qabel l-akkadut u sahansitra wara.

Illi l-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tad-disposizzjonijiet voluminuzi offerti bhala xhieda jirrizulta konflitt tali li jirrendi impossibli gudizzju ta' sejbien ta' htija kontra l-imputati;

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------